**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

## Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru 2024

Kawża Nru 9/2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

Vs

**Darryl Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Darryl Camilleri** ta' tmienja u għoxrin (28) sena, iben Brian u Lucia nee' Micallef, imwieled il-Pieta', Malta, nhar it-tlettax (13) ta' Mejju 1994 u residenti f'numru 35, "Pixilina Farmhouse", Triq Marsilja, Sannat,

Għawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 217694(M) talli f'dawn il-ġżejjer, nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Marzu 2023, għal ħabta ta' bejn id-disgħa u nofs (21.30hrs) u l-għaxra u għaxra ta' filgħaxija (22.10hrs), fir-residenza numru 35, "Pixilina Farmhouse", Triq Marsilja, Sannat, Għawdex:

(1) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Michael Agius, skont kif iċċertifika Dr Alexander Krynicki MD mill-iSptar Ġenerali t'Għawdex;[1]

(2) u aktar talli fl-istess data, ħin u lok u ċirkostanzi, ħebb kontra Michael Agius sabiex jinġurja, jdejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi;[2]

(3) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kiser il-provedimenti tal-Kap 446 Artiklu 7 tal-Liġijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr Caroline Farrugia Frendo LL.D. datata sittax (16) ta' Ottubru 2020, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.[3]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta tal-persuna offiża Michael Agius, jew għaż-żamma tal-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni

[1] Artikli 214, 216, 222(1)(a) u 22(h)(v) tal-Kap 9.
[2] Artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9.
[3] Artikolu 23 tal-Kap 446.

tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus, u dan ai termini tal-artikolu 382A, 383 et seq. tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba biex f'każ ta' ħtija toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat fil-konfront ta' Michael Agius, ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex tqis dan il-każ bħala wieħed ta' vjolenza domestika, skont id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar isdsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali datata sitta (6) ta' Mejju 2024[4] li permezz tagħha bagħtet lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

(a) Fl-artikolu 17, 31 tal-Kodiċi Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b) Fl-artikoli 214 u 216, 222(1)(a) u 202(h)(v) tal-Kodiċi Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[4] Fol. 93 u 94 tal-proċess.

(c) Fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(d) Fl-artikoli 382, 382A, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(e) Fl-artikoli 412(Ċ) u 412D tal-Kodiċi Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(f) Fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(g) Fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(h) Fl-artikoli 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat illi waqt l-udjenza tat-tlieta (3) ta’ Lulju 2024 ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fis-sitta (6) ta’ Mejju 2024;

Rat illi waqt dik l-istess seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni sabiex il-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja;

Rat illi waqt l-istess seduta tat-tlieta (3) ta’ Lulju 2024, il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f’dan il-każ u b’hekk għalqet il-provi tagħha;

Rat illi waqt l-istess seduta d-Difiża nfurmat lill-Qorti illi ma kellhiex provi xi tressaq u lanqas kontro-eżamijiet x'isiru u li l-imputat ma kienx sejjer jixhed f'dawn il-proċeduri;

Rat ix-xhieda mogħtija quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha ppreżentati kif ukoll l-atti tal-kawża ***Il-Pulizija vs Michael Agius (Kawża Numru 167/2023)*** li nstemgħet kontestwalment mal-kawża odjerna;

Rat il-verbal tat-tlieta (3) ta' Lulju 2024 fejn il-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti tal-każ huma s-segwenti: illi nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Marzu 2023 għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħaxija (21:30hrs), Lucia Micallef ċemplet l-Għassa tar-Rabat Għawdex u talbet l-assistenza tal-Pulizija. Hija spjegatilhom li kien inqala' argument bejn is-sieħeb tagħha Michael Agius u t-tifel tagħha l-imputat Darryl Camilleri u t-tnejn kienu ġew fl-idejn. Meta marru fuq il-post, il-Pulizija sabu lil Michael Agius. Huwa infurmahom li kellu argument ma' Darryl

Camilleri rigward is-sigaretti.  Agius spjega li huwa laqqat daqqa mingħand Darryl Camilleri u kien spiċċa fuq il-mejda.  B'riżultat ta' hekk huwa kien soffra xi feriti fuq għajnu.  Agius ittieħed l-Isptar għall-kura.

Waqt li l-Pulizija kienu għadhom fid-dar, Lucia Micallef infurmathom li Michael Agius kien qalilha li kien se jħanxar ras binha u li kien għamel użu minn sikkina, liema sikkina Agius kien imbagħad ħbieha ġo tank taż-żibel.  Il-Pulizija sabet is-sikkina ġot-tank taż-żibel u elevaw l-istess.  Qalet wkoll lill-Pulizija li r-relazzjoni ta' Michael Agius ma' binha ma tantx kienet waħda tajba.

Aktar tard il-Pulizija kellmu lill-imputat Darryl Camilleri fl-Għassa tal-Pulizija. Huwa ikkonferma li kien inqala' argument fuq pakkett sigaretti bejnu u bejn ommu Lucia Micallef.  Michael Agius kien imbagħad indaħal fin-nofs u ħebb għall-istess Camilleri.  Camilleri stqarr li huwa iddefenda ruħu mill-aħjar li seta'.  Kif ra hekk, Agius mar fil-kċina u qabad sikkina.  Lucia Micallef indaħlet bejniethom u Darryl Camilleri rnexxielu jitlaq mid-dar u mar l-Għassa tal-Pulizija.

Kemm Michael Agius kif wkoll l-imputat Darryl Camilleri ġew invistati mit-tobba li kienu xogħol dakinhar.  Dr Alexander Kyrnicki iċċertifika li Michael Agius kien ġarrab ġrieħi ta' natura gravi.  L-imputat Darryl Camilleri ġie ċertifikat minn Dr Maxine Ciantar li sofra ġrieħi ta' natura ħafifa.

Ikkunsidrat:

Fi proċeduri penali jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li hija tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-akkużi addebitati lill-akkużat huma veri u dan għaliex, kif igħid il-Manzini "*Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit*".[5]

Minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta li bħala provi hemm biss ix-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija li investigaw l-inċident kif wkoll tat-tabib li irrilaxxa ċ-ċertifikat fuq il-persuna tal-parte civile. La l-parte civile u lanqas ix-xhud Lucia Micallef li kienet preżenti għall-akkadut ma xehdu f'dawn il-proċeduri. Il-parte civile għażel li ma jixhidx biex ma jinkriminax ruħu peress li ittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu b'rabta ma' dan l-istess allegat inċident. Lucia Micallef min-naħa l-oħra għażlet li ma tixhidx peress li Michael Agius huwa s-sieħeb tagħha u l-imputat Darryl Camilleri huwa binha. L-imputat wkoll għażel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri biex ma jinkriminax lilu inniffsu, kif sewwasew kellu kull dritt li jagħmel.

Il-Pulizija irrappurtaw biss dak li qalulhom il-partijiet involuti fil-każ. Dawn id-dikjarazzjonijiet ma intqalux taħt ġurament u *di piu* jammontaw għal *detto del detto*. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi ma jistgħux jitqiesu bħala prova suffiċjenti għall-fini ta' sejbien ta' ħtija. Rinfaċċjata b'tali karenza ta' provi, il-Qorti għalhekk ma tistax tasal sabiex issib ħtija fl-imputat għall-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu.

- **<u>Decide</u>**

---

[5] Diritto Penale Vol III, Kap IV, pagna 234, Edizione 1890

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti **mhux qiegħda issib lill-imputat Darryl Camilleri ħati** tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u qiegħda tilliberah minn kull ħtija u piena.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur